MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2009

Numru 986/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christopher Pullicino**
**Spettur Joseph Mercieca)**
**vs**

**IVAN SULTANA**
**JESMOND SULTANA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Ivan Sultana, 20 sena, bin Mario u Ursula nee Busuttil, imwieled Pieta’ fit-13 ta’ Settembru 1983 u joqghod 145, Triq il-Pellegrinagg, Bormla. ID No474283M. U Jesmond Sultana, 18 il sena, bin Mario u Ursula nee Busutill, imwieled Pieta’ fit-8 ta’ Settembru, 1985 u joqghod 145, Triq il-Pellegrinagg, Bormla. ID No456185M.

Billi gew akkuzati:

a. Talli nhar it-30 ta' Novembru, 2003, ghall-habta tal-ghaxra ta' filghodu, fil-Qawra, San Pawl il-Bahar, dolozament bil-hsieb li joqtlu jew li jpoggu l-hajja ta' Silvio Camilleri f'periklu car, urew dan il-hsieb b'atti eseterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi taw diversi daqqiet ta' mannara fuqil-persuna ta' l-imsemmi Silvio Camilleri, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta taghhom;

b. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, permezz ta' mannara, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' l-istess Silvio Camilleri liema offiza giet maghmula b'ferita fil-wicc, hekk kif gie ccertifikat mit-tobba tal-isptar San Luqa u liema offiza iggib sfrejgju gravi u permanenti fil-wicc tal-istess Silvio Camilleri;

c. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kisru volontarjament il bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju tieghu datata l-1 ta' Gunju, 2005 (ara fol.138 tal-Process) u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputati iddikjaraw li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 1 ta' Gunju, 2005.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 1 ta’ Gunju, 2005.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr Noel Camilleri ghall-imputat Jesmond Sultana iddikjara li fiz-zmien li sehhew ir-reati l-imputat Jesmond Sultana ma kellu l-ebda licenzja mahruga minn xi awtorita’ relatata mal-esercizzju jew professjoni tieghu u dan qieghed jinghad fid-dawl ta’ dak mitlub mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 1 ta’ Gunju, 2005 fejn iccita l-artikolu 30 tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant iddikjara fid-dawl tas-suespost li l-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ghal dak mitlub mill-Avukat Generali fl-imsemmija Nota tar-Rinviju tieghu datata 1 ta’ Gunju, 2005 inkwantu ghall-applikazzjoni tal-artikolu 30 tal-Kodici Kriminali fil-konfront tal-imputat Jesmond Sultana.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Mercieca ghall-Prosekuzzjoni iddikjara li l-Prosekuzzjoni taderixxi ghal dak dikjarat u mitlub minn Dr Noel Camilleri ghall-imputat Jesmond Sultana.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Mercieca ghall-Prosekuzzjoni u Dr Noel Camilleri ghall-imputati, ghamlu referenza ghad-deposizzjoni tax-xhud Silvio Camilleri moghtija fis-Seduta tat-23 ta’ Frar, 2009 fejn dan ix-xhud, inter alia, qal: “Nghid illi llum ma jezistu l-ebda differenzi bejni u bejn l-imputati u nghid ghal kull buon fini li jiena lill-imputati qed nahfrilhom dwar l-akkadut”.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputat Ivan Sultana l-artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 338(dd), 17 (c), 20, 383, 30 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat fil-konfront tal-imputat Jesmond Sultana l-artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 338(dd), 17 (c), 20, 383 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Issib lill-imputati Ivan Sultana u Jesmond Sultana, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 1 ta’ Gunju, 2005 u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imputati u dak li x-xhud Silvio Camilleri, xehed, inter alia, fis-Seduta tat-23 ta’ Frar, 2009 kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputati Ivan Sultana u Jesmond Sultana ghall-piena komplessiva ta’ disa’ (9) xhur prigunerija kull wiehed u tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmi ta’ Euro (Euro 58.23) ammenda kull wiehed u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ sentejn (2) millum l-imputati Ivan Sultana u Jesmond Sultana jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 30 tal-Kodici Kriminali tissosspendi l-licenzja tas-sewqan bhala bus driver tal-imputat Ivan Sultana ghal zmien ghaxar (10) tijiem millum.

Inkwantu l-imputat Jesmond Sultana rigward it-talba mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 1 ta’ Gunju, 2005 fejn iccita l-artikolu 30 tal-Kodici Kriminali, fid-dawl ta’ dak dikjarat minn Dr Noel Camilleri ghall-imputat Jesmond Sultana rigward tali talba tal-Avukat Generali kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza u dak dikjarat fis-

Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Mercieca ghall-Prosekuzzjoni in rigward ta' dak dikjarat u mitlub fil-Verbal tas-Seduta tallum minn Dr Noel Camilleri ghall-imputat Jesmond Sultana kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ghal dak mitlub mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 1 ta' Gunju, 2005 inkwantu ghall-applikazzjoni tal-artikolu 30 tal-Kodici Kriminali fil-konfront tal-imputat Jesmond Sultana.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali tordna lill-imputati Ivan Sultana u Jesmond Sultana sabiex fi zmien xahar millum ihallsu lir-Registru tal-Qrati f'ammonti ugwali bejniethom is-somma ta' tmien mija u tlieta u sittin Euro u tnejn u ghoxrin centezmi ta' Euro (Euro 863.22) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina ta' esperti fl-Inkjesta li l-Process Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok. RB1.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali, tordna l-konfiska u kif ukoll id-distruzzjoni tal-oggett (mannara b'manku tal-injam) indikat bhala esebit 03 DEL 201 fir-Relzzjoni tal-espert Robert Cardona liema Relazzjoni hi esebita u markata bhala Dok CR1 fl-atti ta' din il-kawza u ghal fini ta' tali distruzzjoni tinnomina lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta) u wara r-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta) ghandu jaghmel Rapport dwar tali distruzzjoni u jippresentah fir-Registru ta' din il-Qorti sabiex jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza.

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, torbot lill-imputati Ivan Sultana u Jesmond Sultana b'obbligazzjoni personali ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmi ta' Euro (Euro 232.94) kull wiehed li jzommu l-kwiet ma' Silvio Camilleri u jzommu il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Il-Qorti qed taghti lill-imputati Ivan Sultana u Jesmond Sultana l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din is-Sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------